MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 1718/2010/1

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Aquilina Joseph u Aquilina Mary Grace**

**Il-Qorti**

**Rat** li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi matul is-sena 2008, is-socjeta' attrici kienet

harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Third Party Only* favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 547, di proprjeta' tal-konvenut Joseph Aquilina, bil-kundizzjoni illi l-unika persuna taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena illi kienet awtorizzata sabiex issuq l-istess vettura kien certu James Aquilina.

Illi nhar it-8 ta' April 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa Dawret il-Gudja, Bir Miftuh, Gudja bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuta Mary Grace Aquilina, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBG 789 misjuqa minn certa Anna Bugeja, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAB 296 misjuqa minn certa Mary Anne Farrugia.

Illi fid-data ta' l-incident *de quo*, il-konvenuta Mary Grace Aquilina kellha biss ghoxrin (20) sena, u kwindi hija ma kienitx persuna awtorizzata sabiex issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 547 ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici informat lill-konvenuti sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2008 illi galadarba kien jirrizulta kjarament ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, hija ma kienitx ser tkopri d-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma' l-incident *de quo*, u illi f'kaz illi hija tigi obbligata illi teffetwa xi pagamenti ghan-nom taghhom ai termini tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta, hija kienet sejra tipprocedi fil-konfront taghhom ghall-irkupru ta' tali ammonti, oltre ghall-ispejjez u interessi skond il-Ligi.

Illi permezz tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi fl-ismijiet *Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina* [M1751/2008 – decizi nhar il-11 ta' Frar 2010], il-konvenuta Mary Grace Aquilina giet dikjarata unikament responsabbli ghall-incident *de quo*.

Illi permezz tal-*lodo* fl-atti ta' l-imsemmija proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi kontra l-intimata Mary Grace Aquilina, gie dikjarat illi l-incident *de quo* ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-

socjeta’ attrici, u dan in vista ta’ l-eta’ ta’ l-istess konvenuta fid-data ta’ l-incident, b’dan pero’ illi s-socjeta’ attrici odjerna xorta wahda kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mit-terzi, ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi sussegwentement ghall-imsemmi *lodo*, is-socjeta’ attrici kienet interpellat lill-konvenuti permezz ta’ ittra legali mibghuta tramite l-posta registrata, sabiex ihallsu d-danni kollha sofferti mit-terzi, oltre ghall-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi, u avzathom illi f’kaz illi huma jibqghu inadempjenti b’dan illi s-socjeta’ attrici tigi interpellata mit-terzi f’dan ir-rigward, imqar b’ittra semplici, hija kienet sejra tipprocedi ghall-pagament relattiv favur it-terzi u wara tipprocedi kontra l-konvenuti ghar-rimbors ta’ l-ammonti kollha minnha sborsati ghan-nom taghhom, flimkien ma’ l-ispejjez ulterjuri u l-interessi legali.

Illi effettivament il-konvenuti baqghu inadempjenti, u kwindi s-socjeta’ attrici, illi kienet giet debitament notifikata bl-ittra ufficjali oppotuna ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kienet obbligata illi thallas favur it-terzi s-somma ta’ elfejn mitejn u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2,251.66c) kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz.

Illi galadarba l-konvenuti agixxew bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta’ attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenuti b’mod *in solidum* bejniethom l-ammont ta’ elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65c) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ elfejn mitejn u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2,251.66c) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmu (€423.99c) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghal-istess incident awtomobilistiku, kif ukoll in konnessjoni ma’ l-intervent skond il-Ligi ta’ l-istess socjeta’ fil-proceduro ta’ Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet

*Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina* [M1751/2008].

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, illi jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Aquilina li permezz taghha eccepixxa illi ma kellu l-ebda responsabilita’ fl-incident de quo.

Ra r-risposta tal-konvenuta Mary Grace Aquilina li permezz taghha eccepiet illi t-talba fil-konfront taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-legislazzjoni rilevanti ma taghtix dritt ghall-azzjoni prezenti.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew ipprezentati mis-socjeta’ attrici.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet li gew ipprezentati mill-partijiet.
Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-fatti saljenti fil-kaz in ezami kienu kif gej: Illi s-socjeta’ attrici rrilaxxjat polza ta’ assigurazzjoni a favur il-konvenut Joseph Aquilina tat-tip *third party liability* relattiva ghall-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 547, u dan ghall-perjodu bejn id-9 ta’ Mejju 2007 sat-30 ta’ April 2008. Illi l-kopertura kienet relattiva ghal kwalunkwe sewwieq ta’ ‘l fuq mill-hamsa u ghoxrin (25) sena, u din il-kopertura kienet testendi wkoll ghal James Aquilina, li fuq il-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni gie identifikat bid-data tat-twelid tieghu.

Illi rrizulta li fit-8 ta’ April 2008 sehh incident awtomobilistiku li fih kienet involuta din il-vettura; fil-hin tal-incident il-vettura kienet qed tinsaq mill-konvenuta l-ohra Mary Grace Aquilina, li dak iz-zmien kien ghad kellha ghoxrin (20) sena.

Illi in forza ta' decizjoni, ossia *award*, li nghatat fi proceduri ta' arbitragg li gew istitwiti minn terzi lezi, liema proceduri kienu fl-ismijiet *Middlesea Insurance vs Mary Grace Aquilina et (M 1751/2008)*, l-konvenuta Mary Grace Aquilina giet dikjarata responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi in segwitu ghal tali decizjoni, is-socjeta' attrici *qua* s-socjeta' assiguratrici li kienet irrilaxxjat il-polza ta' assigurazzjoni relattiva ghall-vettura in kwistjoni, giet kostretta li twettaq il-hlas tad-danni likwidati in forza ta' dik id-decizjoni, u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-istess socjeta' attrici qed titlob refuzjoni ta' dan l-ammont imhallas minnha, minghand Joseph Aquilina *qua* l-assigurat taghha, u minghand Mary Grace Aquilina bhala l-persuna li kienet qed issuq il-vettura meta sehh l-incident, u li kienet ukoll il-persuna li kkawzat l-incident stradali in kwistjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, qed isostnu illi m'ghandhomx jigu ritenuti responsabbli sabiex ihallsu u jirrifondu lis-socjeta' attrici s-somma li thallset minnha a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, stante illi in forza ta' dik l-istess polza ta' assigurazzjoni kienet qed tigi assigurata l-vettura – u mhux is-sewwieq taghha – irrispettivament minn min ikun qed isuq il-vettura fil-waqt li jsehh incident awtomobilistiku. Illi in sostenn ta' din it-tezi, il-konvenuti ghamlu referenza ghad-Direttiva 2009/103/EC tal-Parlament Ewropew, li jittratta dwar "*insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and the enforcement of the obligation to insure against such liability*".

Illi l-istess konvenuti ddikjaraw illi galadarba kien hemm polza ta' assigurazzjoni valida, u galadarba din id-Direttiva tati lill-persuna leza d-dritt li tressaq azzjoni direttament fil-konfront tas-socjeta' assiguratrici tal-vettura assigurata, allura necessarjament isegwi illi hija l-vettura li hija assigurata – u mhux min ikun qed isuqha – u li ghalhekk

is-socjeta' attrici ma tistax titlob refuzjoni minghand l-assigurat taghha tal-ammont zborsat minnha.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal ra Artikolu 18 tal-istess Direttiva, li jipprovdi kif gej:

"*Member States shall ensure that any party injured as a result of an accident caused by a vehicle covered by insurance as referred to in Article 3 enjoys a direct right of action against the insurance undertaking covering the person*[1] *responsible against civil liability.*"

Illi jkun opportun illi ssir referenza wkoll ghall-*preamble* ta' din id-Direttiva, li minnha tirrizulta il-motivazzjoni li wasslet ghall-htiega li jinghataw tali direttivi, senjatament kif gej:

"*Each Member State must take all appropriate measures to ensure that civil liability in respect of the use of vehicles normally based in its territory is covered by insurance. ...Member States' obligations to guarantee insurance cover at least in respect of certain minimum amounts constitute an important element in ensuring the protection of victims. ....It is necessary to make provision for a body to guarantee that the victim will not remain without compensation where the vehicle which caused the accident is uninsured or unidentified. It is important to provide that the victim of such an accident should be able to apply directly to that body as a first point of contact. ...In the case of an accident caused by an uninsured vehicle, the body which compensates victims of accidents caused by uninsured or unidentified vehicles is better placed than the victim to bring an action against the party liable*[2]*. Therefore, it should be provided that that body cannot require that victim, if he is to be compensated, to establish that the party liable is unable or refuses to pay. ...The right to invoke the insurance contract and to claim against the insurance undertaking directly is of great importance for the protection of victims of motor vehicle accidents. In order to facilitate an efficient and speedy*

[1] Sottolinear tat-Tribunal
[2] Sottolinear tat-Tribunal.

*settlement of claims and to avoid as far as possible costly legal proceedings, a right of direct action against the insurance undertaking covering the person responsible against civil liability should be provided for victims of any motor vehicle accident.*"

Illi minn qari ta' dawn l-estratti mill-*preamble* jirrizulta adegwatament car illi l-intenzjoni tal-legislatur, meta nghatat din id-direttiva, kienet illi parti leza f'incident awtomobilistiku ghandha tinghata l-kumpens misthoqq minghajr dewmien, u li l-Istati Membri ghandhom anke jipprovdu rimedju adegwat ghall-vittmi ta' incidenti awtomobilistici, meta vetturi li jikkawzaw tali incidenti stradali ma jkunux koperti minn assigurazzjoni, billi jinholoq *compensation body*.

Illi l-provvedimenti li gew stabbiliti u stipulati in forza ta' din id-Direttiva huma riflessi fid-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ligi in kwistjoni, senjatament Artikolu 10 tal-Kap 104, jipprovdi kif gej:

"*Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-* ***Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*** *u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu.*"

Illi jsegwi ghalhekk illi s-socjeta’ assiguratrici – ladarba kien hemm polza ta’ assigurazzjoni valida fuq il-vettura in kwistjoni – kienet legalment obbligata li twettaq il-hlas, u tindennizza lill-parti leza, ladarba kienet inghatat decizjoni illi l-assigurat taghha, u aktar precizament is-sewwieq tal-vettura assigurata, kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi dan ma jfissirx illi l-kopertura tal-assigurazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni hija minghajr limiti, u li ghandha tghamel tajjeb anke f’sitwazzjoni fejn ikun hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza mill-assigurat. Illi bhala stat ta’ fatt irrizulta illi l-kopertura li l-konvenut Joseph Aquilina talab, u ottjena, meta giet akkwistata minnu l-polza ta’ assigurazzjoni relattiva kienet limitata, u dan fis-sens illi l-istess konvenut ghazel illi, f’kaz ta’ incident awtomobilistiku, is-socjeta’ assiguratrici ghandha tipprovdi kopertura biss lill-parti leza (*third party*), oltre li ddikjara wkoll illi l-kopertura ghandha tkun limitata ghal kwalunkwe sewwieq tal-vettura li jkollu/ha aktar minnn hamsa u ghoxrin (25) sena, bl-eccezzjoni ta’ James Aquilina, li ghalkemm ma kellux din l-eta’, kellu jigi pprovdut ukoll b’kopertura f’kaz li l-vettura tkun involut f’incident awtomobilistiku waqt li qed tinsaq minnu. Illi l-*premium* li hallas il-konvenut Joseph Aquilina lis-socjeta’ assiguratrici, u cioe’ s-socjeta’ attrici, kienet necessarjament tirifletti dawn it-termini u kundizzjonijiet li gew accettati miz-zewg partijiet kontraenti.

Illi ghalhekk isegwi illi s-socjeta’ assiguratrici kienet tenuta li tipprovdi kopertura, u ghalhekk tindennizza lill-parti leza minghajr ma titlob rizarciment minghand l-assigurat taghha, kemm-il darba fil-waqt li sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-vettura kienet qed tigi misjuqa minn persuna koperta b’tali polza.

Illi f’dan il-kaz irrizulta, u ma giex kontradett jew b’xi mod ikkuntrarjat, illi l-persuna li kienet qed issuq il-vettura meta sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, ma kienitx validalment koperta bil-polza ta’ assigurazzjoni relattiva. Illi ghalhekk isegwi illi, b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, “...*kull somma mħallsa*

*mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f 'kollox jew f 'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna.*"

Illi tali provvediment tal-Ligi jirrifletti wkoll il-provvedimenti kontemplati fid-Direttiva msemmija aktar 'l fuq, u dan in kwantu l-*compensation body* jew l-*insurance undertaking covering the person responsible*, skond il-kaz, ghandha d-dritt li tipproponi azzjoni hi kontra l-persuna responsabbli ghall-incident in kwistjoni, ghal rizarciment u refuzjoni tas-somma minnha mhallsa ghan-nom ta' dik il-persuna.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi, u in bazi tal-obbligazzjonijiet kontrattwali assunti kemm mis-socjeta' assiguratrici u mill-assigurat taghha, rizultanti mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva, jirrizulta illi kien hemm ksur da parti tal-assigurat Joseph Aquilina tal-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti, meta hu ppermetta illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 547 tinsaq minn persuna li ma kienitx validalment koperta bil-polza in kwistjoni. Illi jsegwi ghalhekk illi ladarba ma ottemperax ruhu mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza, is-socjeta' attrici ma tistax tinzamm responsabbli sabiex taghmel tajjeb ghall-hsara li rrizultat lil terzi b'segwitu tal-incident stradali in kwistjoni. Illi ghalhekk l-istess konvenut qed jigi kkundannat sabiex irodd lura s-somma mhallsa mis-socjeta' attrici lit-terz lez b'segwitu tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi f'dak li jirrigwarda l-konvenuta Mary Grace Aquilina, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-istess konvenuta, u dan fis-sens illi, ghalkemm irrizulta li kienet din il-konvenuta li giet dikjarata responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li wassal ghall-hlas mis-socjeta' attrici lil terzi tad-danni sofferti minnhom, madanakollu, ma jezisti ebda ness guridiku bejn is-socjeta' attrici u l-istess konvenuta li jwassal sabiex is-socjeta' attrici titlob refuzjoni minghandha. Illi s-socjeta' attrici wettqet il-hlas lil terzi tas-somma mertu ta' din il-kawza a bazi tal-obbligi legali rizultanti mill-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u in forza tal-

polza ta’ assigurazzjoni rilaxxjata a favur il-konvenut Joseph Aquilina relattiva ghall-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 547, in kwantu din il-vettura sfat involuta fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Madanakollu, u f’dak li jirrigwarda Mary Grace Aquilina, ladarba din ma kienetx koperta bil-polza ta’ assigurazzjoni relattiva, u ghalhekk ma hemm ebda ness kontrattwali bejnha u s-socjeta’ attrici, u ma jirruzlta ebda ness guridiku iehor, allura m’hix il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni impostata mis-socjeta’ attrici u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezjoni sollevata mill-konvenuta Mary Grace Aquilina u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Aquilina u jikkundanna lill-istess konvenut Joseph Aquilina ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ta’ din l-azzjoni jkunu a karigu tal-konvenut Joseph Aquilina.”

**Rat** li l-konvent Joseph Aquilina hassu aggravat b’din is-sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-imsemmi konvenut Joseph Aquilina fejn gie premess:-

Illi b’sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-30 ta’ Marzu 2012 dak it-Tribunal ghogbu jillibera lill-konvenuta l-ohra Mary Grace Aquilina mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt illi sabitu responsabbli li jhallas lill-kumpanija Fogg Insurance l-ammont ta’ incident stradali ta’ €2675.65 bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez a karigu tieghu.

Illi huwa hassu aggravat mill-imsemmija sentenza u ghalhekk qed jinterponi appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti.

Ikun aktar car illi jigu delinjati l-fatti. Kif tghid is-sentenza il-karozza kienet registrata fuq Joseph Aquilina l-appellanti filwaqt illi kien hemm partikolari sewwieq imsemmi taht il-hamsa u ghoxrin sena li kien James Aquilina. Huwa manifest illi l-karozza kienet tinsaq mnn James Aquilina. James Aquilina miet tragikament. Ohtu, l-konvenuta l-ohra, sabet ic-cavetta tieghu u uzat il-karozza. Joseph Aquilina la qatt ta kunsens lill-konvenuta l-ohra u lanqas kien maghha waqt l-incident. Fil-fatt kien ‘il boghod, fuq ix-xoghol tieghu bhala imjegat.

L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f’dan li gej.

1. Dwar responsabbilita’

It-Tribunal iddecieda illi Joseph Aquilina ippermetta lill-konvenuta l-ohra li kienet fil-fatt qed issuq b’dan il-mod.

Mill-provi ma tirrizulta bl-ebda mod illi dan sar u l-ebda persuna ma hija marbuta illi tirrispondi ghal danni illi bl-ebda mod ma kienet responsabbli ghalihom. Ma jistax jinghad illi hemm xi klawsola fil-polza tal-assigurazzjoni illi b’xi mod torbot lil Joseph Aquilina illi c-cavetta per ezempju ma jaghtihiex lil James Aquilina, Alla jahfirlu, ghaliex kien previst mill-istess assigurazzjoni.

Imma f’dan il-partikolari l-prova li kellha ssir kienet jekk Joseph Aquilina ppermettiex jew ikkonsenjax ic-cavetta tal-vettura lil Mary Grace Aqulina. Ir-responsabbilita’ kemm civili u kemm penali m’hijiex prezunta hlief fejn il-ligi tghid espresament. Mary Grace Aquilina ma kenitx minuri u ghalhekk il-missier seta’ kien responsabbli ghad-danni bhala *culpa in vigilando.*

M’hemm l-ebda provediment illi jghid espressament f’materja ta’sewqan illi hemm tali responsabilita’. Din m’hijiex kwistjoni ta’ parking fejn jekk tinstab il-vettura ipparkajta hazin ir-responsabbilita’ hija skont ir-regoli ordinarji tal-ligi.

Bl-istess mod ir-responsabbilita’ tal-policy holder tohrog limitatament skont l-istess polza ta’ assigurazzjoni.

Ghalhekk fattwalment ma jirrizultax illi hemm responsabbilita’ da parti ta’ Joseph Aquilina fl-incident stradali jew illi ppermetta jew b’xi mod ghen halli tali incident isir jew gie ppruvat li bil-konoxxenza tieghu l-vettura kienet qed tinstaq minn persuna illi skond dik il-policy ma kinitx koperta. Ghalhekk il-bazi tad-decizjoni tas-sentenza hija fattwalment u legalment zbaljata.

2. Dwar il-ligi llum

Illi sussidjarjament hija wkoll zbaljata l-interpretazzjoni illi ta t-Tribunal dwar il-portata tal-lum dwar l-assigurazzjonijiet. Illum m’hijiex il-persuna li tigi assigurata imma hija l-vettura u l-vettura kienet assigurata.

It-Tribunal ma tax kaz tal-Artikolu12 tal-Kap104 illi ghamilha cara illi l-kumpanija assiguratrici ghandha responsabilita’ indipendentement mill-istatus u l-pozizzjoni li tkun tal-persuna illi tkun qed issuq.

Illum l-assigurazzjoni hija mhux tal-persuni imma tal-vettura. Jekk wiehed jara dik li hija d-direttiva 2009/103/EC taghmilha cara illi nbidlet il-pozizzjoni milli konna nafuha qabel illi jigi nxurjat persuna. Illum hija nxurjata u l-kuntratt isir dwar u fuq il-vettura, isuqha min isuqha.

Ghaldaqstant is-socjetajiet assiguratrici m’ghadx ghandhom dak id-dritt ta’rivalza skont il-ligi tal-Unjoni Ewropeja kontra jew is-sewwieq jew anke min ikun hareg il-polza tal-assigurazzjoni.

Fuq dawn il-premessi l-appellant jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ghal kwantu tirrigwardja lilu u tilliberah minn kull responsbilta’ bl-ispejjez.

**Rat** ir-risposta ta’ l-Appell u Appell Incidentali tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited [C-597] ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited fejn gie premess:-

## A. RISPOSTA TA' L-APPELL

Illi s-socjeta` esponenti giet notifikata bl-Appell odjern,ipprezentat mill-appellanti Joseph Aquilina nhar id-19 ta' April 2012, u qieghda tipprezenta r-Risposta taghha ghall-istess skond il-Ligi.

## 1. L-EWWEL AGGRAVJU

L-appellanti hassu aggravat mill-fatt illi t-Tribunal ikkundannah ihallas l-ammonti reklamati mill-esponenti. Huwa jissottometti illi mill-provi ma jirrizultax illi huwa ppermetta lill-konvenuta Mary Grace Aquilina ssuq il-vettura in kwistjoni, jew illi huwa kkonsenja c-cwievet ta' l-istess vettura lill-istess konvenuta. Inoltre l-appellanti jissottometti illi l-konvenuta Mary Grace Aquilina kienet adulta fid-data ta' l-incident, u kwindi lanqas ma tirrizulta l-*culpa in vigilando.*

Fl-ewwel lok is-socjeta` esponenti tirrileva illi l-bazi ta' l-azzjoni taghha, in kwantu diretta lejn l-appellanti, hija n-nuqqas da parti ta' l-istess appellanti *qua* l-*policy holder* illi jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jassigura illi l-vettura in kwistjoni tinstaq biss minn persuni illi kienu koperti mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq it-talba ta' l-istess appellanti. Fl-ebda stadju s-socjeta` esponenti ma ppretendiet xi forma ta' responsabilita da parti ta' l-appellanti b'applikazzjoni tal-principju *culpa in vigilando,* u kwindi s-sottomissjoni ta' l-istess appellanti f'dan is-sens hija ghal kollox irrelevanti ghall-kaz odjern.

In kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-appellanti illi huwa qatt ma awtorizza lil bintu l-konvenuta Mary Grace Aquilina sabiex issuq il-vettura *de quo*, is-socjeta` esponenti tissottometti fl-ewwel lok illi l-appellanti qatt ma ressaq eccezzjoni formali jew sottomissjoni f'dan is-sens quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.[3] Anzi, fil-kors tas-smiegh

[3] Effettivament l-unika eccezzjoni kontenuta fir-Risposta ta' l-appellanti kienet fis sens illi huwa *"ma kellu l-ebda responsabilita` fl-incident de quo",* u ghal tali eccezzjoni, l-esponenti laqghet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fis-sens illi l-azzjoni promossa minnha *"mhix imsejsa fuq il-principju ta' culpa aquiliana ghall-incident mertu tal-*

tal-proceduri appellati, l-appellanti qatt ma nnega illi huwa ppermetta lill-konvenuta Mary Grace Aquilina sabiex issuq l-istess vettura. Effettivament, l-unika difiza u -sottomissjoni ta' l-appellant in prim'istanza kienet illi ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta** u tad-**Direttiva 209/103/EC,** hija l-vettura illi tigi assigurata minn polza ta' assigurazzjoni u mhux il-persuna. Kwindi l-appellant ippretenda illi l-fatt illi s-sewwieqa involuta ma kienitx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva, ma jaghtix lill-assiguratur id-dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' l-assigurat tieghu ghall-ammonti illi l-istess assiguratur ikun sborsa.

Effettivament l-appellanti lanqas biss ipprova jgib prova fis-sens illi huwa ma kienx ippermetta lil bintu l-konvenuta sabiex issuq il-vettura assigurata ma' l-esponenti, u qieghed jipprova johloq dan id-dubbju, **illi bl-ebda mod ma gie eccepit in Prim'Istanza u wisq inqas ma jirrizulta mill-provi**, biss fi stadju ta' appell, wara illi nghatat is-Sentenza appellata fil-konfront tieghu.

F'dan ir-rigward, l-esponenti taghmel referenza ghall-gurisprudenza taghna fis-sens illi mhux lecitu illi xi parti tqajjem materji mhux trattati in Prim'Istanza quddiem il-Qorti ta' Revizjoni *"kemm ghax dan ikun qieghed jissorprendi l-kontro-parti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio-esami, kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti illi dan isir meta l-fatti illi fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellant ... qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti"*[4].

Ghalhekk is-socjeta` esponenti tissottometti illi galadarba fil-kors tas-smiegh tal-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-appellanti qatt ma pprova jixhet dubbju

---

*proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet* ***Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina,*** *izda fuq il-principju ta' ksur ta' obbligi kuntrattwali, ossia l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni".*

[4] F'dan ir-rigward ara s-Sentenza fl-ismijiet **Gasan Insurance Agency Limited noe vs Parnis England Trucking Limited pro et noe,** deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras nhar it-12 ta' Jannar 2005 [Appell Civili Numru 2312/1997] u s-Sentenza fl-ismijiet **Carmen Mallia et noe vs Mario Spiteri,** deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras nhar id-9 ta' Novembru 2005 [Appell Civili Numru 733/2001].

dwar il-fatt illi huwa ppermetta lil bintu l-konvenuta Mary Grace Aquilina sabiex dina ssuq il-vettura in kwistjoni, is-sottomissjoni tieghu kif dedotta fir-Rikors ta' l-Appell f'dan ir-rigward ghandha tigi skartata ghal kollox minn dina l-Onorabbli Qorti.

Inoltre, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, **is-socjeta` esponenti tissottometti illi r-responsabilita` ta' l-appellanti hija naxxenti *sic et simpliciter* mill-fatt illi l-konvenuta Mary Grace Aquilina kienet qieghda ssuq il-vettura assigurata mill-esponenti fil-hin ta' l-incident *de quo.* Dan il-fatt minnu nnifsu huwa prova cara tan-nuqqas ta' l-appellanti illi jassigura ruhu illi ebda persuna illi ma kienitx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni, ma ssuq l-istess vettura.** Hekk gie ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-Sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe et vs John Mifsud et[5],** illi kienet tirrigwarda fatti analogi ghall-kaz odjern.[6] F'dak il-kaz, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet sabet lill-*policy holder* responsabbli sabiex jirrimborsa l-ammonti kollha sborsati mill-assigurazzjoni tieghu favur it-terzi stante illi:-

*"Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu illi ma jhallix lil huh George isuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Jirrizulta illi l-appellant naqas illi joserva dan l-obbligu u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha illi s-socjeta` assiguratrici appellata kienet obbligata illi thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-**Artikolu 10** tal-**Ligijiet ta' Malta.***

**...**

---

[5] Deciza nhar l-1 ta' April 2005 [Appell Numru 2256/1998].

[6] F'dak il-kaz, kienet inharget polza ta' assigurazzjoni fuq talba ta' l-appellanti John Mifsud bil-kundizzjoni espressa illi s-sewwieqa awtorizzati kienu l-istess appellanti u huh George Mifsud *"aged 21 years and any driver over 25 years driving on the insured order or with his permission".* Il-vettura assigurata f'dak il-kaz kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt illi kienet qieghda tinstaq mill-imsemmi George Mifsud, illi pero` rrizulta illi fid-data ta' l-incident kien ghadu ma ghalaqx l-eta` ta' 21 sena kif kien rikjest mill-polza ta' assigurazzjoni.

*"Konsegwentement, ghalkemm huwa veru illi d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma kkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba illi huwa naqas illi josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` appellata".*

L-istess principju gie wkoll enuncjat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace fis-Sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mourad Ben Salem Mabrouk et**[7]. F'dak il-kaz, il-konvenut Vincent Ciantar kien hareg polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura tieghu, bil-kundizzjoni espressa illi din kellha tinstaq biss minnu u minn bintu wkoll konvenuta Karen Ciantar. Gara illi l-istess vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt illi dina kienet misjuqa minn cert Mabrouk illi ma kienx kwindi awtorizzat mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Ghalhekk is-socjeta` assigurattiva istitwiet proceduri ghall-irkupru ta' l-ammonti minnha sborsati kontra l-assigurat taghha Vincent Ciantar, Karen Ciantar illi kellha ordinarjament il-kontroll tal-vettura, u x-xufier Mabrouk.[8] F'dak il-kaz, il-*policy holder* kien argumenta illi huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-vettura tieghu tinstaq mis-sewwieq illi ma kienx kopert mill-polza, partikolarment ghaliex l-istess vettura ma kienitx f'dak iz-zmien tinsab fil-pussess tieghu. Dika l-Onorabbli Qorti madankollu cahdet tali argument da parti tal-*policy holder* billi qieset illi:-

*"Illi ghar-rigward tal-ksur ta' kundizzjoni min-naha ta' Vincent Cinatar, kif qalet tajjeb is-socjeta` attrici, huwa ghazel illi jirregistra l-vettura KRN 801 f'ismu, b'awtorizzazzjoni ghal sewwieq wiehed iehor biss (bintu Karen) bl-intenzjoni illi jakkwista premium aktar baxx ghall-assigurazzjoni minhabba illi bintu ma kienitx ghalqet il-hamsa u ghoxrin sena. Huwa assuma wkoll l-obbligu illi jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-polza u illi jkun vigilanti dwar l-istess. Irrizulta b'mod car illi dan ma sehhx min-naha*

[7] Deciza nhar it-28 ta' Frar 2008 [Cit. Numru 726/2005/RCP].
[8] Is-sewwieq involut fl-incident.

*tieghu u allura jsegwi illi anki huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-polza".*

Fil-kaz odjern jirrizulta kjarament illi l-appellanti Joseph Aquilina: -

a. **in Prim'Istanza qatt ma biss cahad illi ppermetta lil bintu l-konvenuta Mary Grace Aquilina illi ssuq il-vettura assigurata;**
b. **qatt ma ressaq eccezzjoni formali jew ebda sottomissjoni f'dan is-sens;**
c. naqas mill-obbligu tieghu ai termini tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq talba tieghu illi jiehu prekawzjonijiet sabiex jassigura illi l-istess vettura ma tinstaqx minn persuni mhux awtorizzati.

Kwindi, in vista ta' dak kollu ga` sottomess, l-appellanti ghandu responsabilita` kontrattwali ghar-rimbors ta' l-ammonti kollha pretizi mill-esponenti, u ghaldaqstant l-istess esponenti tissottometti bir-rispett illi dana l-ewwel aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi michud.

2. **<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>**

It-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ta interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi applikabbli ghall-assigurazzjoni ta' vetturi. Huwa jargumenta illi s-Sentenza appellata ma tiehu ebda konjizzjoni ta' l-**Artikolu 12** tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta** illi skond l-appellanti *"jaghmilha cara illi l-kumpannija assiguratrici ghandha responsabilita` indipendentament mill-istatus u l-pozizzjoni li tkun tal-persuna illi tkun qieghda ssuq".*

L-appellanti jargumenta wkoll illi bid-dhul fis-sehh tad-**Direttiva 2009/103/EC**, inbidlet il-pozizzjoni legali fis-sens illi l-polza ta' assigurazzjoni tassigura l-vettura u mhux lis-sewwieq. Konsegwentement l-appellant jinsisti illi anke fejn jirrizulta illi l-vettura assigurata kienet misjuqa minn sewwieq mhux awtorizzat, l-assiguratur huwa obbligat illi

jindennizza lit-terz involut minghajr id-dritt ta’ rivalsa fil-konfront tal-*policy holder* jew tas-sewwieq involut.

F’dan ir-rigward is-socjeta` esponenti tirrileva illi s-Sentenza appellata ghamlet ezami akkurat u rett tad-**Direttiva 2009/103/EC** citata mill-appellanti. Wara illi ezamina l-preambolu ta’ l-istess Direttiva, u l-**Artikoli 10** u **12** tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta,** it-Tribunal gustament ikkonkluda illi ghalkemm il-ksur ta’ xi kundizzjoni ta’ polza ta’ assigurazzjoni ma jaghtix id-dritt lill-assiguratur koncernat sabiex jevadi l-obbligu tieghu illi jindennizza lit-terz danneggjat, il-Ligi (senjatament l-**Artikolu 12** tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta’ Malta)** tipprovdi espressament illi f’tali cirkostanzi l-assiguratur koncernat ghandu d-dritt ta’ rivalsa kontra l-assigurat tieghu ghall-ammonti kollha illi jkunu gew imhallsa lit-terz danneggjat.

Tali konkluzjoni tat-Tribunal hija gusta u timmerita konferma:-

<u>Id-**Direttiva 2009/103/EC**</u>

Din id-**Direttiva 2009/103/EC** tipprovdi illi l-polza ta’ assigurazzjoni ghandha tassigura d-dritt tat-terz danneggjat illi jigi indennizzat **pienament** u direttament minghand l-assiguratur tad-danneggjant, ikunu xi jkunu c-cirkostanzi kontrattwali bejn id-danneggjant u l-assiguratur tieghu. **Madankollu dana ma jipprekludix lill-assiguratur koncernat milli, f’kaz ta’ ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, jirkupra l-ammonti minnu sborsati favur it-terz danneggjat, minghand l-assigurat tieghu stess –** ghaliex l-**Artikolu 13 tad-Direttiva** jaghmilha cara illi l-kundizzjonijiet illi jeskludu l-kopertura tal-polza ghandhom ikunu inapplikabbli **biss** fil-konfront tat-terz danneggjat:-

*“Each Member State shall take all appropriate measures to ensure that any statutory provision or any contractual clause contained in an insurance policy issued in accordance with Article 3 shall be deemed to be void* ***in respect of claims by third parties*** *who have been victims of an accident where that statutory provision or*

*contractual clause excludes from insurance the use of vehicles by:*

*a) Persons who do not have express or implied authorisation to do so".* [Enfazi Mizjud mill-Esponenti]

**Kwindi kull klawsola illi tinvalida l-kopertura fir-relazzjoni fil-konfront tat-terz danneggjat hija invalida, izda kull klawsola illi tinvalida l-kopertura inter-kontrattwali bejn l-assiguratur u l-assigurat hija valida.**

L-istess pozizzjoni legali hija riflessa fil-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta,** illi jipprekludi lill-assiguratur koncernat milli jevadi d-dmir tieghu illi **jindennizza lit-terz danneggjat** abbazi ta' xi restrizzjoni fil-polza fosthom il-kondizzjoni tas-sewwieq tal-vettura assigurata, izda fil-***proviso*** **ghall-Artikolu 12(1)** jipprovdi testwalment:-

*"Izda xejn f'dan is-sub-artikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat illi jhallas somma minhabba responsabilitajiet ta' persuna ghal hag'ohra hlief sabiex tigi sodisfatta f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabilita` u* ***kull somma mhallsa mill-assiguratur awtorizzat sabiex tigi sodisfatta, ir-responsabilita` ta' persuna koperta bil-polza, bis-sahha biss ta' dan is-sub-artikolu tista' minnu tittiehed lura minghand dik il-persuna****".* [Enfazi Mizjud mill-Esponenti]

Hekk ukoll l-**Artikolu 6** jipprovdi illi:-

"*(1) Kull kundizzjoni f'polza mahruga ghall-finijiet ta' dina l-Ordinanza li biha jigi stabbilti li ebda responsabilita` ma tinholoq bis-sahha tal-polza, jew illi kull responsabilita` hekk mahluqa tispicca, fil-kaz ta' xi haga determinata illi tigi maghmula jew illi tonqos illi tigi maghmula wara illi jigri l-fatt illi jaghti lok ghat-talba tad-danni taht il-polza, m'ghandhiex effett rigward dawk it-talbiet ghad-danni msemmija fl-**Artikolu 4(1):***

*Izda* ***xejn f'dan l-Artikolu ma ghandu jittiehed bhala li jannulla d-dispozizzjonijiet ta' polza illi***

***jobbligaw lill-persuna assigurata illi thallas lura lill-assiguratur awtorizzat kull somma illi dan ikun obbligat ihallas taht il-polza u illi tkun serviet fil-hlas tat-talbiet ghad-danni lit-terzi persuni*”. [Enfazi Mizjud mill-Esponenti]

Minn dan isegwi kjarament allura l-korrettezza tas-Sentenza appellata illi l-ispirtu tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta** u tad-**Direttiva 2009/103/EC** huwa illi jiggarantixxi d-dritt tat-terz danneggjat illi jigi indennizzat pienament anke direttament minghand l-assiguratur tad-danneggjant minkejja kull ksur kontrattwali ta' l-assigurat. **Madankollu, dana certament illi ma jistax jigi interpretat fis-sens illi l-Ligi taghti xi dritt lill-assigurat illi jikser il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni tieghu impunement. Hija l-Ligi stess illi tipprovdi espressament illi f'kaz ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, l-assiguratur illi jkun gie obbligat illi jhallas lit-terz danneggjat[9] ghandu d-dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' l-assigurat tieghu.**

B'hekk is-socjeta` esponenti tissottometti bir-rispett illi anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellati jissottomettu li t-talbiet kif kontenuti fir-Rikors ta' l-Appell ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**B. APPELL INCIDENTALI**

Is-socjeta` appellata qieghda tipprevalixxi ruhha mill-Appell ta' l-appellanti Joseph Aquilina sabiex tipprezenta Appell Incidentali taghha skond il-Ligi mis-Sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Joseph Aquilina u Mary**

---

[9] Bhal ma gara fil-kaz odjern meta nghata l-*lodo* fl-atti tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina** [M1751/2008] - kopja Certifikata esebita in atti bhala **Dok. RF9 -** illi permezz tieghu, il-konvenuta Mary Grace Aquilina, illi kienet qieghda ssuq il-vettura assigurata mis-socjeta` esponenti, bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-istess polza, giet dikjatata unikament responsabbli ghall-incident.

**Grace Aquilina**, deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar presedut minn Dottor Graziella Bezzina nhar it-30 ta' Marzu 2012.

1. Illi permezz ta' l-Avviz tat-Talba minnha pprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, is-socjeta` esponenti kienet talbet lil dak it-Tribunal sabiex:-

a. Galadarba l-appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina agixxew bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` esponenti u tal-Ligi, jiddikjara illi s-socjeta` esponenti hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina b'mod *in solidum* bejniethom, l-ammont ta' elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elfejn mitejn u wiehed u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,251.66) l-ammont minnha sborsat favur it-terzi u in kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin Euro u disgha u disghin centezmu (€423.99) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta` esponenti in konnesjoni ma' ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghall-istess incident awtomobilistiku, kif ukoll in konnessjoni ma' l-intervent skond il-Ligi ta' l-istess socjeta` esponenti fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina** [M1751/2008].

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz tat-Talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina illi gew ingunti ghas-subizzjoni.

2. Illi l-fatti illi taw lok ghal din il-kawza, huma fil-qosor, is-segwenti:-

a. Matul is-sena 2008 kien hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Third Party Only* mahruga mis-socjeta` esponenti favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjonni DBA 547, di proprjeta ta' l-appellanti Joseph Aquilina, bil-kundizzjoni illi l-unika persuna taht il-

hamsa u ghoxrin (25) sena illi kienet awtorizzata sabiex issuq l-istess vettura kien certu James Aquilina;

b. Nhar it-8 ta' April 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa l-Gudja fejn l-imsemmija vettura assigurata mill-esponenti kienet misjuqa mill-appellata Mary Grace Aquilina. Kienu involuti wkoll f'dan l-incident zewg vetturi ohra misjuqa minn certa Anna Bugeja u certa Mary Anne Farrugia rispettivament;

c. Fid-data ta' l-incident *de quo,* l-appellata Mary Grace Aquilina kellha biss ghoxrin (20) sena u kwindi hija ma kienitx persuna awtorizzata sabiex issuq il-vettura assigurata mill-esponenti ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva;

d. Is-socjeta` esponenti informat lill-appellanti Joseph Aquilina u lill-appellata Mary Grace Aquilina sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2008 illi galadarba kien jirrizulta kjarament ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, hija ma kienitx ser tkopri d-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma' dak l-incident u illi f'kaz illi hija tigi obbligata illi teffettwa xi pagamenti ghan-nom taghhom ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta,** hija kienet sejra tipprocedi fil-konfront taghhom ghall-irkupru ta' tali ammonti, oltre ghall-ispejjez u interessi skond il-Ligi;

e. Permezz tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mit-terzi fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs Mary Grace Aquilina** [M1751/2008 – decizi nhar il-11 ta' Frar 2010], l-appellata Mary Grace Aquilina giet dikjarata unikament responsabbli ghall-incident *de quo.* Permezz ta' tali *lodo* gie dikjarat ukoll illi tali incident ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` esponenti u dana in vista ta' l-eta` ta' l-appellata Mary Grace Aquilina fid-data ta' l-incident, b'dan illi pero` s-socjeta` esponenti xorta wahda kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mit-terzi ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta;**

f. Sussegwentement ghall-imsemmi *lodo,* is-socjeta` esponenti kienet interpellat lill-appellanti Joseph Aquilina u lill-appellata Mary Grace Aquilina permezz ta' ittra legali mibghuta tramite l-posta registrata sabiex ihallsu d-danni kollha sofferti mit-terzi, oltre ghall-ispejjez u interessi skond il-Ligi, u avzathom illi f'kaz illi huma jibqghu inadempjenti b'dan illi s-socjeta` esponenti tigi interpellata mit-terzi f'dan ir-rigward, imqar b'ittra semplici, hija kienet sejra tipprocedi ghall-pagament relattiv favur it-terzi u wara tipprocedi kontra l-appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina ghar-rimbors ta' l-ammonti kollha minnha hekk sborsati ghan-nom taghhom, flimkien ma' l-ispejjez ulterjuri u l-interessi legali;

g. L-appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina baqghu inadempjenti, u kwindi s-socjeta` esponenti, illi kienet giet debitament notifikata bl-ittra ufficjali opportuna ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta,** kienet obbligata illi thallas favur it-terzi s-somma ta' elfejn mitejn u wiehed u hamsin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,251.66), u wara pprocediet fil-konfront ta' l-appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina ghar-rimbors ta' l-ammonti kollha minnha sborsati oltre ghall-ispejjez u l-interessi.

3. Illi permezz tas-Sentenza appellata, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, filwaqt illi laqa' l-eccezzjoni sollevata mill-appellata Mary Grace Aquilina u lliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, laqa' t-talba tas-socjeta` esponenti fil-konfront ta' l-appellanti Joseph Aquilina u kkundannah ihallas l-ammonti mitluba mill-esponenti, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta` esponenti hassitha aggravata minn dina s-Sentenza, u ghalhekk qieghda tipprevalixxi ruhha mill-Appell ta' l-appellanti Joseph Aquilina sabiex tinterponi minnha dan l-umili Appell Incidentali taghha.

Illi l-aggravju huwa car u manifest, u jikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar illibera lill-appellata Mary Grace Aquilina mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex, fil-fehma ta' l-istess Tribunal, ma kienet tezisti ebda

relazzjoni guridika bejn is-socjeta` esponenti u l-istess appellata.

Kif diga` nghad, il-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-esponenti kienet teskludi kwalunkwe persuna taht il-25 sena (ghajr ghal James Aquilina) milli ssuq il-vettura assigurata. Din kienet **kundizzjoni u kunsiderazzjoni essenzjali fl-*assessment* tar-riskju assunt mill-esponenti meta nharget il-polza ta' assigurazzjoni relattiva, u kjarament impingiet fuq il-*premium* relattiv – illi kien aktar baxx milli kieku l-vettura kienet ser tinstaq minn diversi persuni taht il-25 sena.** Galadarba meta sehh is-sinistru, il-vettura assigurata kienet misjuqa mill-appellata Mary Grace Aquilina, illi ma kienitx *named driver* u kienet ghadha taht il-25 sena, **tali incident ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva stante illi dana ma kienx riskju illi s-socjeta` esponenti accettat illi tidhol ghalih meta harget l-istess polza.** B'hekk is-socjeta` esponenti soffriet danni minhabba l-agir leziv ta': -

a. l-assigurat taghha l-appellanti Joseph Aquilina ghar-ragunijiet ga` indikati aktar 'il fuq fir-Risposta ta' l-Appell; u

b. l-appellata Mary Grace Aquilina illi saqet il-vettura assigurata minkejja illi hija ma kienitx koperta ai termini tal-polza relattiva b'mod illi **dahhlet lis-socjeta` esponenti ghal riskju illi hija ma kienitx accettat illi tidhol ghalih meta harget l-istess polza.**

Permezz tas-Sentenza appellata, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkonkluda illi galadarba l-polza ta' assigurazzjoni relattiva ma kienitx tkopri lill-appellata Mary Grace Aquilina, ma jirrizulta ebda ness guridiku bejn is-socjeta` esponenti u l-istess appellata.

L-esponenti tissottometti bir-rispett illi **li kieku kellu jigi konfermat dan ir-ragjonament tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-appellata Mary Grace Aquilina tkun qieghda tigi ppremjata ta' l-agir illegali taghha b'mod illi effettivament tarrikkixxi ruhha indebitament a skapitu ta' l-esponenti. Effettivament, l-appellata agixxiet bi**

**ksur tal-Ligi (anke kriminali peress illi saqet vettura meta ma kienitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni, u ciononostante, ai termini tas-Sentenza appellata, hija tkun qieghda, di fatti, tinghata kopertura indebita taht polza ta' assigurazzjoni illi kienet espressament teskludiha. Dan ovvjament isir a a skapitu tas-socjeta` esponenti illi tkun giet kostretta illi thallas ghal danni kkawzati mill-agir illegali ta' l-appellata minghajr dritt ta' rivalsa kontra l-istess appellata.** L-esponenti tissottometti bir-rispett illi l-agir illegali ta' l-appellata illi effettivament kisret it-termini tal-polza relattiva jirrendiha wkoll responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti.

Huwa fid-dawl tal-fuq premess illi, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 1050** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**[10]**,** l-appellata Mary Grace Aquilina ghandha tigi kkundannata b'mod *in solidum* flimkien ma' l-appellanti Joseph Aquilina sabiex tirrifondi lis-socjeta` esponenti l-ammonti kollha minnha sborsati in konnessjoni ma' l-incident *de quo*. Issir hawnhekk referenza ghat-taghlim ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili illi fis-Sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.lc. noe et vs Mourad Ben Salem Mabrouk**[11] illi wkoll kienet titratta kaz ta' vettura misjuqa minn persuna mhix awtorizzata ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, fejn b'referenza ghad-dispozizzjoni appena msemmija, gie ritenut: -

*"Illi konsegwenti ghal dan is-socjeta` attrici ssostni illi ghandu jigi applikat il-principju illi meta jkun hemm ksur fil-polza ta' assigurazzjonni relattiva ghall-vettura misjuqa minn dak illi jkun jahti ghall-incident, allura tinholoq responsabilita` solidali bejn dak illi jkun jahti ghall-incident u dak illi jkun ta lok ghas-sitwazzjoni".*

---

**10** Illi jipprovdi illi:- *"Jekk il-bicca tal-hsara illi kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk illi jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut illi jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn".*

11 Deciza mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace nhar it-28 ta' Frar 2008 [Cit. Numru 726/2005/RCP]

Ghalhekk l-esponenti tissottometti bir-rispett illi kemm l-appallanti Joseph Aquilina *qua policy holder,* u kif ukoll l-appellata Mary Grace Aquilina bhala s-sewwieq effettiv, ghandhom jigu kkundannati **b'mod *in solidum* bejniethom** sabiex jindennizzaw lis-socjeta` esponenti ghall-ammonti kollha minnha sborsati bhala rizultat ta' l-incident *de quo,* bl-ispejjez kollha u l-interessi legali, proprju kif gie ritenut fil-kawza ga` citata.

Ghalhekk l-appellati qed jitolbu li dina l-Qorti tirriforma s-Sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ghall-kundanna fil-konfront ta' l-appellanti Joseph Aquilina sabiex ihallas favur is-socjeta` esponenti s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65), tvarjaha fis-sens illi tikkundanna wkoll lill-appellata Mary Grace Aquilina, b'mod *in solidum* flimkien ma' l-appellanti Joseph Aquilina, sabiex thallas favur is-socjeta` esponenti s-somma ga` msemmija ta' elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65), bl-ispejjez taz-zewg istanzi (inkluz dawk ta' l-appell incidentali odjern) u bl-interessi legali illi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' Avviz tat-Talba pprezentat mill-esponenti sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-appellanti Joseph Aquilina u l-appellata Mary Grace Aquilina flimkien u solidalment bejniethom.

**Rat** l-atti l-ohra tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati quddiem l-ewwel Qorti cioe' t-Tribunal.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant Joseph Aqulina flimkien ma l-appellata Mary Grace Aqulina.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-appellati Fogg Insurance Agencies Limited nomine, li permezz tal-istess nota ssottomettew ukoll appell incidentali.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:**

Fl-avviz li ta’ bidu lil dawn il-proceduri s-socjeta’ attrici assikuratrici Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom tas-socjeta’ estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ipprocediet kontra l-konvenuti Joseph Aquilina u bintu Mary Grace Aquilina fuq il-premessa li fil-2008 kient inharget polza ta’ assikurazzjoni “Third Party Only” in konnessjoni ma l-vettura numru ta’ registrazzjoni DBA 547, proprjeta’ tal-imsemmi konvenut Joseph Aquilina. Wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza kienet li l-unika persuna taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena awtorizzata sabiex issuq l-imsemmija vettura kien certu James Aquilina. Fit-8 ta’ April 2008 sehh incident awtomobilistiku fil-Gudja li fih kienu involuti oltre l-imsemmija vettura li kienet qed tinstaq mill-imsemmija konvenuta, vetturi ohrajn, li kienu qed jigu misjuqa minn terzi. Meta sehh l-incident l-imsemmija konvenuta kellha 20 sena u kwindi ma kienitx koperta mill-polza ta’ assikurazzjoni.

Il-partijiet involuti u l-assikurazzjoniiet rispettivi ssoggettaw ruhhom ghall-Arbitragg Mandatorju. Bhala rizultat tal-imsemmija proceduri l-imsemmija Mary Grace Aquilina giet dikjarata unikament responsabbli ghall-incident. Inoltre gie ukoll dikjarat li l-konvenuta ma kienitx koperta minn polza ta’ assigurazzjoni. In vista tal-provedimenti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta is-socjeta’ attrici kellha taghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti minn terzi bhala causa tal-incident in kestjoni. Konsegwentement is-socjeta’ attrici kienet obbligata tirrisarcixxi lit-terzi ghad-danni li sofrew.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici nomine aggixxiet kontra l-konvenuti Aquilina sabiex tirkupra l-imsemmija ammonti li kellha thallas lit-terzi u cioe’ komplessivament is-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65) rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta’ elfejn mitejn u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2,251.66) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmu (€423.99) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghal-istess incident awtomobilistiku, kif ukoll in konnessjoni ma’ l-

intervent skond il-Ligi ta' l-istess socjeta' fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju.

Il-konvenut Joseph Aquilina eccipixxa li ma kellu ebda responsabilita' fl-incident in kwestjoni, mentri l-konvenuta Mary Grace Aquilina eccepiet li l-legislazzjoni rilevanti ma taghtix dritt ghall-azzjoni odjerna.

It-Tribunl ghal Talbiet Zghar iddecieda billi fl-ewwel lok laqa l-imsemmija eccezjoni sollevata mill-konvenuta Mary Grace Aquilina u ghallhekk illiberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok it-talba tas-socjeta' attrici giet milqughha biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Aquilina, li gie kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma gia indikata bl-imghax kif mitlub. Gie ukoll deciz li l-ispejjez kellhom ikunu a karigu tal-konvenut Joseph Aquilina.

Il-Konvenut appellant Joseph Aquilina qed jappella minn din is-sentenza. Jidher li l-konvenuta ma ghamlitx appell, stante li kienet giet mehlusa mill-osservnza tal-gudizzju. Pero' s-soocjeta' assikuratrici attrici intavolat appell incidentali, li jinvolvi primarjament l-imsemmija liberazzjoni u l-posizzjoni tal-konvenuta. Jidher ukoll li l-istess konvenuta ma rrisponditx ghall-appell incidentali, pero' ppresentat flimkien ma l-konvenut l-iehor nota ta sottomissjonijiet.

Fuq l-imsemmija atti din il-Qorti ser tipprocedi biex l-ewwel tiddeciedi l-appell principali tal-appellant konvenut Joseph Aquilina u wara tghadi biex tiddetermina l-appell incidentali.

Il-fatti rizultanti gew, korrettement, elenkati fis-sentenza appellata u kwindi, f'dan ir-rigward, qed issir referenza ghall-imsemmija sentenza u dan a skans ta' ripetizzjoni inutli. Barra minn hekk fil-presenti sentenza gia sar accenn ghall-istess fatti "saljenti" hekk definiti fis-sentenza appellata.

**Appell principali**

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda li huwa nstab li kien responsabbli ghall-imsemmi incident stradali. In effett

l-ewwel Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-appellant Joseph Aquilina kien responsabbli stante li ppermetta lill-konvenuta l-ohra issuq il-vettura in kwestjoni meta hi kien ghad kellha 20 sena u ghalhekk ma kienitx koperta bil-polza ta assigurazzjoni.

Din essenzjalment hi kwestjoni ta' fatt, li giet validament u ragjonevolment deciza mill-ewwel Qorti, Ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontrax raguni ghala ghandha tidhol biex tiddeciedi mill-gdid din il-kwestjoni. M'hemmx dubju li kienet ir-responsabilita' tal-appellant li jara li c-cwievet tal-vettura ma jigux f'idejn xi hadd li ma kienx kopert mill-assigurazzjoni fil-kaza li jsuq il-vettura in kwestjoni. Hu ovvju ghalhekk li l-appellant ghandu jigi ritenut li hu indirettament responsabbli ghad-danni kawzati minn bintu kawza l-incident stradali in kwestjoni. Il-konvenut appellant kien obbligat li jara u jissorvelja li l-vettura ma tigix misjuqa minn persuna li ma kienitx koperta bl-assigurazzjoni. Il-fatt per se li effettivament il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura hu indikattiv li l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega f'dan ir-rigward. Kwindi m'hemmx ghalfejn jigi pprovat li kien Joseph Aquilina li kkonsenja c-cavetta tal-vettura lill-konvenuta l-ohra. Fil-kamp ccivili hu bizzejjed li l-Qorti tkun sodisfatta fuq bazi ta' bilanc ta' probabilajiet fuq il-htija tal-konvenut,

Konsegwentement dan l-aggravju jimmerita li jigi rigettat.

L-appellant jintitola t-tieni aggravju "Dwar il-ligi llum." Hawnkekk l-appellant jissottometti li l-interpretazzjoni tat-Tribunal dwar l-assigurazzjonijiet in generali skond il-ligi kif vigenti hi zbaljata. Skond l-appellant illum hi l-vettura li tigi assigurata u mhux il-persuna li hi l-proprjetarja tal-vettura jew is-sewwieq taghha. L-appellant ikompli jissottometti li skond il-provedimenti tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta s-socjeta' assikuratrici hi responsbbli irrispettivament jekk is-sewwieq huwiex kopert mill-polza relattiva.

Mhux ghal kollox car x'inhu n-ness bejn il-fatt li illum hi assikurata l-vettura u l-fatt tar-responsabilita' tas-socjeta' assikuratrici. Fi kwalunkwe kaz u dejjem fir-rigward tal-

imsemmi tieni aggravju, l-appellant jghgamel referenza ghad-direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 2009/103/EC.

L-appellant jissottometti li permezz tal-imsemmija direttiva issa l-posizzjoni nbiddlet. Issa l-posizzjoni hi li l-kuntratt tal-asigurazzjoni jsir “dwar u fuq il-vettura, isuqha min isuqha.” (kliem tal-appellant). Konsegwentement l-appellant jargumenta li l-assiguratrici m’ghadx ghandha d-dritt ta’rivalza kontra it-titolari tal-polza jew kontra min kien qed isuq il-vettura assikurata fil-hin li sehh id-dannu.

Il-Qorti certament ma taqbilx ma din is-sottomissjoni tal-apellant. Bil-fatt li issa bil-ligi s-socjeta assikuratrici hi responsabbli li thallas id-danni sofferti minn terzi, qed jigi assikurat li l-istess terzi jigu effettivament rsarciti ghad-danni minnhom sofferti. Dan il-fatt zgur li ma implikax li l-assikuraturi huma tenuti responsabbli li jindenizzaw danni li espressamewnt gew eskluzi mill-ftehim milhuq mill-assikurturi u l-assikurat. Hu normali ghalhekk li s-socjeta;’ assikuratrici ghandha d-dritt ta rivalsa kontra min effetttivament ikkawza d-danni u cioe’ t-titular tal-polza u s-sewwieq tal-vettura fil-hin li sehh l-incident.

M’hemmx dubju li minhabba l-agir illegittimu tal-appellant kif ukoll tal-appellata Mary Grace Aquilina is-socjeta’ assikuratrici giet imqieghda f’riskju li effettivament kien gie eskluz mill-kondizzjonijiet stess tal-polza. B’hekk l-istess assikuraturi gew imqieghda f’posizzjoni ta’ riskju u ta’ danni li certament ma kelliex tigi hekk imqieghda. Is-socjeta’assikratrici qatt ma accettat li tidhol jew li taghmel tajjeb ghall-istess riskju. B’hekk jekk tigi acettata din is-sottomissjoni tal-appellant tkun qed tinghata kopertura ghall-agir li kienet giet eskluza mill-operazzjoni tal-polza.

Ezami tas-sentenza appellata juri li t-Tribunal fl-ebda hin ma mar kontra d-disposizzjonijiet tal-imsemnmija Direttiva u inoltre l-istess Tribunal mexa ukoll skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu 104. Hu minnu li skond l-imsemmija provedimenti l-assikuratur hu dejjem obbligat li jindennizza terzi li jkunu sofrew danni meta s-sinistru jkun ikkawzat minn persuna li effettivament ma tkunx koperta bil-polza ta’ assikurazzjoni. Dan pero’ ma

jimpedix lill-istess assikuraturi li jduru fuq l-assikurati kif ukoll fuq is-sewweiqa tal-vettura fil-hin li jkun sehh l-incident stradali. In effett il-Kapitolu 104 stess espressament jipprovdi li l-assiguratur ghandu d-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tieghu ghall-ammonti li jkunu gew imhallsa lit-terz danneggjat. (Artikolu 12 tal-Kap.104). Il-posizzjoni hi l-istess skond l-imsemmija Direttiva tal-Unjoni Ewropea, li tassikura li terz danneggjat jigi dejjem risarcit "in toto" ghad-dannu li jkun sofra.

F'kaz, pero', li jkun hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza l-assikuratur ikun intitolat li jirkupra l-ammonti minnu mhallsa lit-terzi. L-ghan ewlieni tal-imsemmi Kapitolu 104 u tal-imsemmija direttiva hu li jigi garantit id-dritt li t-terz danneggjat jigi risarcit ghad-dannu li jkun sofra, izda ma jeskludix id-dritt tal-assikuratur li jdur fuq kull min ikun b'xi mod koncernat sabierx jigbor lura l-ammonti li jkunu hekk gew imhallsa lit-terz.

In vista tal-premess anke l-imsemmi tieni aggravju jimmerita li jigi rigettat. Ghalhekk l-appell tal-appellant Joseph Aquilina ghandu jigi rigettat.

**Appell Incidentali**

Kif gia rilevat is-socjeta attrici appellata ppresentat appell incidentali.

Dan l-appell jikkoncerna b'mod partikolari dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal laqa l-eccezzjoni tal-appellata Mary Grace Aquilina u konsegwentement l-istess appellata giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk it-talba tas-socjeta` assikuratrici giet biss akkolta fil-konfront tal-konvenut appellant Joseph Aquilina.

L-aggravju tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies nomine jikkoncerna proprju l-imsemmi fatt tal-liberazzjoni u b'mod partikolari jkkonsisti filli t-Tribunal iddikjara li kien wasal ghall-liberazzjoni stante li ma kienet tezisti relazzjoni guridika bejn is-socjeta` assikuratrici u l-istess appellata.

Hu indubbju li kien hemm tali ness billi l-polza in kwestjoni ma kienitx tkopri persuni taht il-25 sena hlief persuna wahda in partikolari li kienet giet espressament imsemmija fil-polza in kwestjoni. Din il-persuna ma kienitx l-appellata Mary Grace Aqulina. Kwindi fil-hin li sehh l-incident stradali l-istess appellata kienet qed tikkontravjeni l-kondizzjonijiet tal-istess polza. Il-fatt li l-polza ma kienitx tkopri il-persuni kollha kien determinanti biex jigi kalkolat il-prezz tal-polza in relazzjoni mar-riskju li kienet qed tidhol ghalih is-socjeta' assikuratrici. In vista tal-fatt li s-socjeta' assikuratrici kellha thallas lill terzi d-danni kagunati minhabba l-agir illegittimu tal-imsemmija Mary Grace Aquilina, s-socjeta' assikuratrici kellha thallas id-danni lill terzi.

L-istess socjeta' attrici ma dahhlitx biex tkopri dan ir-riskju, stante li in effett gie espressament eskluz mill-polza. Kwindi s-socjeta' assikuratrici sofriet dannu li ghalih ma kienitx strettament responsabbli, pero' kellha tkopri d-danni sabiex jigi assikurat li t-terz jithallas ghad-dannu li jkun sofra intortament. Versu l-assikuraturi hi ukoll responsdabbli l-konvenuta appellata u dan flimkien mal-kionvenut appellant. Dan johrog mill-fatt li ghalkemm ma kienitx koperta mill-polza, xorta wahda kienet qed issuq il-vettura involuta fl-incident u kien tort taghha li gew kagunati d-danni in kwestjoni. Il-fatt li l-polza ma kienitx tkopri appuntu lill-appellata Aquilina ma jbiddel xejn kwantu ghar-relazzjoni guridika bejn l-assikuraturi u l-istess appellata. Hawnhekk hemm tali relazzjoni guridika in vista li kienet l-istess konvenuta appellata li kkawzat id-dannu in kwestjoni u li ghalih ghamlet tajjeb is-socjeta' assikuratrici. Hu ghalhekk li din il-Qorti ma taqbilx ma l-imsemmigja konkluzjoni li ghaliha wasal it-Tribunal, u kwindi jista jigi dikjarat li l-Qorti qed taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' assikuratrici li l-appellata Aquilina hi responsabbli lejn l-istess assikuraturi u b'hekk hi ukoll ghandha tigi kkundannata in solidum ma' l-appellant Joseph Aquilina biex thallas lura l-ammonti sborsati mill-assikuraturi bhala danni sofferti minn terzi.

Tirrizulta ukoll ir-responsabilita' solidali bejn it-titolari tal-polza u s-sewwieq tal-vettura cioe' bejn iz-zewg persuni li

minhabba l-agir taghhom gew miksura l-kondizzjonijiet tal-istess polza u konsegwentement ikkawzaw danni lill-assikuraturi. Inoltre l-kuntratt tal-assikurazzjoni hu essenzjalment ta’ natura hummercjali u ghalhekk tiskatta s-solidarjeta’.

In vista tal-premess l-appell incidentali tas-socjeta’ assikuratrici jimmerita li jigi akkolt, filwaqt li l-appell principali tal-konvenut jisthoqqlu li jigi rigettat.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:

Tiddecidi billi fl-ewwel lok tichad l-appell principali tal-appellant konvenut Joseph Aquilina u billi fit-tieni lok tilqa l-appell incidentali tas-socjeta’ attrici assikuratrici u b’hekk tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha kwantu ghall-kundanna fil-konfront ta’ l-appellanti Joseph Aquilina sabiex ihallas lis-socjeta` assikuratrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€2,675.65), tvarjaha billi tikkundanna ukoll lill-appellata Mary Grace Aquilina, b’mod solidali ma l-imsemmi appellanti Joseph Aquilina, sabiex thallas lis-socjeta’ attrici assikuratrici l-imsemmija somma u dana bl-imghaxxijiet kollha legali li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-Avviz ipprezentat mill-istess socjeta’ attrici assikuratrici sad-data tal-effettiv pagament. Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata inkluz l-ispartizzjoni tal-ispejjez kif deciza mit-Tribunal.

L-ispejjez tal-appell principali jithallsu mill-appellant Joseph Aquilina mentri dawk kollha relattivi ghall-appell incidentali jithallsu mill-appellant Joseph Aquilina flimkien u in solidum mal-appellata Mary Grace Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------